MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-30 ta' Ġunju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 496/2003

Nicholas u Marthese mizzewgin Farrugia
Vs
Joseph Friggieri

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Billi l-atturi huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' hamest elef u mija u erbgha u erbghin lira (Lm5,144.50) bilanc ta' somma akbar li huma avanzaw lill-konvenut brevi manu kif irrizulta bil-miktub u l-imghax legali relattiv mit-18 ta' Jannar 2003 sal-lum;

Billi l-kontendenti stipulaw li s-self kellu jigi restitwit fit-terminu ta' sena mgedded sas-17 ta' Jannar 2002, izda l-konvenut naqas li jirrestitwixxi u jhallas dik is-somma f'dak it-terminu u baqa' ma hallasx nonostanti li gie mitlub u gie anke interpellat bl-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2003;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddispensa s-smiegh tal-kawza ghat-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' hamest elef, mija u erbgha u erbghin lira u hamsin centezmu (LM5,144.50) b' restituzzjoni u hlas tal-bilanc tas-self fuq imsemmi u l-imghax relativ sal-lum.

Bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2003, kontra l-konvenut in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi xehed Nicholas Farrugia li kkonferma l-ezattezza tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni li kien ghamel precedentement u zied li mid-data tal-prezentata ta' l-imsemmija tac-citazzjoni l-konvenut xorta wahda baqa' ma hallsu xejn u ma ghamel ebda kuntatt mieghu u ma kellimu xejn

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci;

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenut gie msejjah tlett darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-

procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef, mija u erbgha u erbghin lira u hamsin centezmu (LM5,144.50) b' restituzzjoni u hlas tal-bilanc tas-self fuq imsemmi u l-imghax relativ sal-lum.

Bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2003.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------